MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 124/2001

**Il-Pulizija**

(Spettur Stephen Micallef)

**vs**
**Roderick Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Cilia ta' 23 sena bin Anthony u Mary nee' Fenech, imwieled Pieta fl-20 ta' Jannar 1978 u residenti 'Tessie', Misrah Kanonku Giovanni Vella, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita 100678(m),
Talli matul il-lejl tal-15 u 16 ta' Frar 2000 f'dawn il-Gzejjer bhala persuna li gie misjub hati ta' serq jew ghal ricettazzjoni b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fis-6 ta' Marzu 1995, kellu fil-pussess tieghu ammont ta' batteries li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu u minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew ghandu, jew minghajr ma ta kont ghal liema skop kienu instabu ghandu;
Talli ukoll sar recediv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 2 fis-6 ta' Marzu 1995, liema sentenza saret definittiva;
Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.
Ikkunsidrat,
1. Fil-15 ta' Frar 2000, is-Surgent 918 Anthony Agius u l-Kuntistabbli 329 Reuben Saliba raw karozza mudell Hyundai Atos SMK 104, kif kienu nezlin minn Vjal il-Labour, kantuniera ma vjal il-25 ta' Novembru z-Zejtun. Is-sewwieq skond il-Pulizija intebah bihom, saq bil-qawwi, izda huma waqqfuh fi Triq tal-Barrani. Is-sewwieq kien l-akkuzat li kellu mieghu lil Charlene Farrugia ta' sbatax –il sena. Fil-karozza li kienet tal-kiri instabet kaxxa tal-kartun b'hafna battries, xi cameras, xi films, pakketti tal-alkaline. Lista dettaljata tinstab fir-rapport u stima tas-Sur Alfred P.Camenzuli mahtur mill-Qorti biex jezaminhom u jistmahom. L-istima tammonta ghal Lm332 bhala retail value u ukoll sale value Lm 282.20. Il-Pulizija ghamlet tfittxija gewwa fondi biex tara ssibx xi haga imma ma sabet xejn. Kienet saret serqa minn 'Stationery Antro' il-Hamrun imma l-projetarju iddikjara li dak li nstab fil-karozza ta' Cilia ma kienx tieghu.
2.Joseph Cini, sales Manager ma 'Muscat Motors' stqarr li huma jbieghu 'Duracell Betteries'. Fiz-zmien li instabu l-oggetti dawn kienet iggiebhom biss s-socjeta bhala 'retail' il-batteriji kienu jinbieghu madwar mija u sittin lira Maltija (Lm160) bhala retail. Ma l-oggetti l-ohra misjuba l-Muscat Motors ma ghandhiex x'taqsam. Il-batteriji inbieghu f'konsenja ta' Frar 1999. Id-data tal-konsenja ma issemmietx fix-xhieda u f'rapport tal-Pulizija.

3. L-akkuzat xehed quddiem il-Qorti li l-batteriji xtrahom minghand wiehed maghruf bhala Dendu/Dondof'Haz Zebbug bil-prezz ta' Lm50 bil-hsieb li jbieghhom Lm60. Dak iz-zmien l-akkuzat kien jahdem bhala foreman ma Mico Cleaners f'Haz Zebbug. L-Akkuzat ghamel stqarrija fis-16 ta' Frar 2000 fejn semma minghand min kien xtrahom. L-ghada ghamel ohra fejn ma riedx iwiegeb dwar minn ghand min kien xtrahom. Fix-xhieda quddiem il-Qorti l-akkuzat tenna l-isem tal-bejjieh u l-prezz ta' hamsin lira (Lm50).

4. Ma jirrizultax li l-Pulizija ghamlet xi tentattiv biex issib il-bejjiegh, tara x'gara u tressaq provi ahjar skond l-akkuza. Il-Pulizija hadmet bis-shih biex tara jekk saritx 'serqa' u biex tfittex 'il-propjetarju' izda dwar l-oggetti ma kellhiex taghrif dwar serq jew recettazzjoni. Ma irrizultalha xejn.

5. Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha 'Il-Pulizija vs Gunner Joseph Degiorgio tal-15 ta' Frar 1944 (Vol XXXII - IV – 683) l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali (allura l-Artikolu 288) jikkontempla zewg ipotesijiet differenti u juza espressjonijiet differenti ghar-rigward taghhom. L-ewwel ipotesi hi ta' min, wara li jkun gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frattijiet ecc, li ma jkunx tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu. It-tieni ipotesi tirrikjedi similment li persuna tkun giet ikkundannata f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, pero f'dan il-kaz ikunu insabu ghandu imfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi ecc, minghajr ma taghti kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandha f'dak iz-zmien. Dik il-Qorti, fis-sentenza msemmija, kienet irriferiet bi kwantu ghall-ewwel ipotesi…. kwalsijasi forma ta' pussess kien sufficjenti, fis-sens li bizzejjed li dawk il-frottijiet, xtieli, flus ecc. Ikunu perezempju, instabu fil-pussess tal-imputat f'daru mentri huwa jkun gie arrestat mili l-boghod mid-dar tieghu, mentri fil-kaz tat-tieni ipotesi hu rikjest il-pussess materjali, u dan a bazi tat-test originali Taljan li dwar din l-ipotesi, kien juza l-frasi 'colto in possesso' a differenza tal-frazi 'l'trovato in possesso' li kienet uzata a rigward ta' l-ewwel ipotesi. Differenza ohra bejn iz-zewg ipotesijiet tirrigwarda dak li

tieghu l-imputat ma jkunx ta' kont sodisfacenti. Fl-ewwel ipotesi hu ma jkunx ta kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu dawn l-oggetti, mentri fit-tieni ipotesi l-imputat ma jkunx ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dawk l-oggetti jkunu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien.(Il-Pulizija vs Amadeo Brincat et 6 ta' Gunju 1994).

6. Il-Kodici Penali Taljan (art 708) issemi min 'e' colto in possesso di denaro o di oggetti di valore, o di altre cose non confacenti al suo stato, e dei quali non giustifici le povenienza'. Dan l-artiklu qed jigi imsemmi billi jfisser il-kelma '<u>stato</u>'. L-Antolisei (Vol 1 Parte speciale, Manuale di Diritto Penale) isemmi sentenza tal-Qorti kostituzzjonali.

"Il rapporto che intercorre fra una situazione oggettiva, quale e' il possesso della cosa, nelle particolari condizioni e la vita che il possessore alitualmente conduce non al fine di operare una differenziazione tra soggetti di diverse condizioni economiche e sociali, ma per rendere possibile una valutazione adeguata della gustificazione che per la stessa disposizione deve essere data dal soggetto incriminato sulle provenienza del denaro o delle cose possedute (nota 239 fol 371)"

7. L-akkuzat kien instab hati ta' serq fis-6 ta' Marzu 1995. L-oggetti instabu fil-pussess tieghu. Izda ma jistax jinghad li l-oggetti mhux kompacenti ghall-kondizzjoni tieghu. Lanqas jista jinghad li l-akkuzat ma ggustifikax il-provenjenza taghhom. Fl-ahhar mill-ahhar ma jirrizultax li saret xi serqa minn xi hadd jew minn x'imkien.

Billi l-akkuzi ma jirrizultawx il-Qorti tillibera lill-akkuzat minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------